MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 432/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Peress li fit-tnejn u ghoxrin ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (26/5/1999), il-partijiet izzewgu f’Malta u dan skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;

Peress li miz-zwieg taghhom kellhom tifla wahda, D, li ghandha tmien snin;

U peress li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, swat, adulterju u ingurji gravi u abbandun kommessi mill-intimat kontra l-istess attrici u minhabba li tkissret irrevokabilment;

Peress li l-konvenut qatt ma ghadda manteniment lill-attrici ghall-minuri u lanqas illum minkejja li hemm digriet tal-Qorti dwar l-istess manteniment xorta wahda l-konvenut ma jghaddix manteniment lil bintu minuri.

Peress li l-attrici tahdem full-time u dejjem hadet hsieb tmantni u teduka t-tifla l-istess attrici;

Peress li l-attrici dejjem halset hija l-pagamenti tal-house loan hi u l-konvenut qatt ma hallas xejn;

U peress li l-konvenut talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza b'digriet ta' din il-Qorti datat 31 ta' Ottubru 2008, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok B;

U peress li l-attrici tixtieq li tirriverti ghall-kunjom xbubitha 'E';

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur;

Taffida l-kura u kustodja tal-minuri D lill-attrici salv access favur l-attur skond l-ahjar interess tal-minuri;

Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri imsemmija u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita, flimkien ma zidiet perjodici ghall-gholi tal-hajja u ordni sabiex din ir-retta tithallas direttament minn kull paga jew dhul percepibbli mill-konvenut;

Tiddikjara li l-mara ma ddekadietx mid-dritt taghha li tircevi manteniment minghand zewgha l-konvenut;

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti, mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi kif din il-Qorti joghgobha tiddeciedi okkorrendo b'opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativi u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

Tapplika kontra l-imsemmi attur l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte;

Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba 'E'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikat a tenur tal-Art. 187 (3) skond ma awtorizzat din il-Qorti fis-6 ta' Dicembru 2008, l-intimat ghazel li ma jirrispondix ghall-kawza.

Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti tippronunzja separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba d-diversi ragunijiet elenkati fir-rikors promotur. Id-diversi affidavit prodotti mir-rikorrenti flimkien mal-affidavit minnha stess maghmul iwasslu lil din il-Qorti ghall-fehma li t-talba taghha gustifikata. Il-komportament abbusiv tal-intimat, kemm fil-konfront tal-attrici stess, kif ukoll fil-konfront tal-istess bintu, li abbanduna, huwa ben pruvat. F'dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz taghha giet ikkonfermata n-nullita' taz-zwieg tal-partijiet.

<u>Kura u Kustodja</u>

Il-partijiet ghandhom tifla ta' tmien snin bl-isem ta' D. Jirrizulta li din dejjem trabbiet mal-omm li kienet hi li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifla, u dan meta l-istess tifla giet abbandunata minn missierha. Ghalhekk, il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D f'idejn ommha. Din il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwar xi access tal-missier

ghall-minuri jekk u meta dan tal-ahhar juri xi interess u dejjem jekk dan ikun fl-interess suprem tal-istess tifla.

Manteniment

Ghar-rigward tal-manteniment ghar-rikorrenti innifisha u ghal bintha, din il-Qorti stante l-inaffidabilita' bl-istess intimat hija disposta li taghmel provvediment a tenur tal-Art. 54(3) tal-Kodici Civili u ghalhekk ser tipprovdi ghal dan flimkien mal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti.

Komunjoni tal-Akkwisti

Jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f'cens temporanju ta' *omissis (indirizz),* stmat fl-ammont ta' €27,952 (fol. 81), kif ukoll f'dar *omissis (indirizz),* stmata bejn €180,000 u €185,000 (fol. 80). Il-komunjoni tal-akkwisti ghandha wkoll passiv ta' €42,792.14.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, jirrizulta li sehem il-konvenut mill-attiv huwa effettivament €90,000 mid-dar taz-Zebbiegh u €13,976.24 mid-dar ta' Tas-Sliema.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-attrici b'dana illi l-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri darba fil-gimgha, bi qbil mal-omm, ghal siegha u dejjem fil-prezenza tal-omm.

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-propjeta' immobbli kollha msemmija aktar 'il fuq tigi assenjata lill-attrici, u dan ghas-saldu tal-manteniment dovut ghall-minuri. Il-Qorti qed tinnomina minn issa lin-Nutar Mary Grech Pace biex tippubblika l-Att relattiv u tinnomina minn issa lil Dr. Margaret Mifsud biex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att.

4. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha ta' xebba "E".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------